

## V

(Avviżi)

## PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6015 – Banco Santander/Bank Zachodni WBK/BZWBK AIB Asset Management)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 321/04)

1. Fis-17 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Banco Santander SA ("Santander", Spanja) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Zachodni WBK SA ("BZWBK", il-Polonja) permezz ta' offerta pubblika fl-10 ta' Settembru 2010 u ta' BZWBK AIB Asset Management SA ("BZWBK Asset Management", il-Polonja), permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal Santander: grupp internazzjonali ta' kumpaniji bankarji u finanzjarji, attiv f'operazzjonijiet bankarji għal individwi, ġestjoni ta' assi, operazzjonijiet bankarji għal kumpaniji u ta' investment, teġor u assigurazzjoni, li jopera fuq livell internazzjonali,
  - għal BZWBK: bank li jipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi għal entitajiet domestiċi, IM u kumpaniji kbar, f'attivitajiet bankarji, servizzi ta' senserija, fondi mutwi, assigurazzjoni, kiri u fatturmanet ta' prodotti fil-Polonja,
  - għal BZWBK Asset Management : Sussidjarja ta' BZWBK, toffri servizzi ta' ġestjoni ta' assi fil-Polonja.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6015 – Banco Santander/Bank Zachodni WBK/BZWBK AIB Asset Management, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---